Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. EUGENE ANTOINE DEBONO (KI. 338704L)

(UŻU TA' VETTURA MINGĦAJR KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI DWAR RISKJI TA' TERZI – KAP. 104 ART. 3(1) – NUQQAS TA' SID TA' VETTURA LI JIŻGURA LI DIN IKOLLHA FIS-SEĦĦ, LIĊENZJA TAĊ-ĊIRKOLAZZJONI MAĦRUĠA MILL-AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA – L.S. 368.02, ART. 14(3) – SEWQAN TA' VETTURA LI MA' JKOLLIEX LIĊENZJA – KAP. 65 ART. 15(1)(A),(3) – ŻBALJI FIL-KOMPARIXXI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Awwissu 2021**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Eugene Antoine Debono, detentur tal-karta tal-identità numru 338704L imwieled il-Pietà u residenti iż-Żurrieq ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Sarah Magri,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Claudio Zammit,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli nhar it-8 ta' Frar 2019 filwaqt li kien qiegħed isuq il-mutur HONDA bin-numru ta' reġistrazzjoni "IBP343" ġewwa ż-Żurrieq:

    1. Użа vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu ma kienetx isseħħ polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1)),

    2. Bħala sid tal-istess vettura bil-mutur naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien, liċenzja taċ-ċirkulazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (L.S. 368.02, Art. 14(3)),

    3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, li ma' kelliex liċenzja (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)).

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-ħati jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

3. Fl-affidavit maħluf tiegħu, **PC 1416 D. Galea**[1] *inter alia* spjega li nhar it-tmienja (8) ta' Frar 2019, **għall-ħabta tas-l 8:30hrs** (emfasi miżjuda mill-Qorti), il-Pulizija ġewwa l-Għassa taż-Żurrieq fosthom hu rċievew telefonata mill-*Control Room* tal-Pulizija fejn ġew informati illi kien hemm xi persuna li ġiet imtajjra ġewwa **Vjal Blue Grotto, Żurrieq** (emfasi miżjuda mill-Qorti). Ix-xhud, flimkien ma' RPC 3099, irrikorrew immedjatament fit-triq imsemmija fejn ġie nnutat mutur bin-numru ta reġistrazzjoni IBP 343, li kien qiegħed mal-ġenb tat-triq, bl-istand u bil-hazard lights mixgħulin. Ix-xhud u l-pulizija l-oħra tkellmu mas-sewwieq tal-mutur, ċertu Eugene Debono, fejn dan stqarr illi kien ħiereġ lejn ir-roundabout meta f'daqqa waħda qasam persuna waqt li l-lights kienu ħodor u b'hekk laqtu. Huwa waqaf biex jara jekk kienx kollox sew u beda jkellmu. Il-persuna li kienet qed taqsam qaltlu li kien tort tiegħu għax huwa qabad u qasam. Din il-persuna kien żagħżugħ ta' 19-il sena u kien miexi lejn id-direzzjoni tal-ground tal-football. Ftit minuti wara, iż-żagħżugħ li ttajjar, ċertu Ousman Suwaneh (li għandu 19 il-sena) stqarr mal-Pulizija: "*I was late for training, I pressed the pelican lights button, looked to see if any vehicles were*

[1] A fol 11-14

*coming and crossed the road. They were still red and I should not have crossed. As I crossed the road, I was hit by a bike. It was my fault. I am feeling pain in my right and left leg, left hand and left rib.*"

Ix-xhud kompla jispjega li fuq il-post ġiet l-ambulanza GVH 270 u li Ousman ġie invistat fuq il-post qabel ma' ttieħed l-Isptar għal iktar kura. Meta x-xhud mar lura l-Għassa rriżultalu illi l-vettura IBP 343 kienet mingħajr liċenzja u insurance. Il-Pulizija għalhekk għamlet kuntatt mal-imputat sabiex jmur l-Għassa taż-Żurrieq. Dan irrapporta ġewwa l-Għassa u ġie mogħti d-drittijiet kollha inkluż dawk li jikkonsulta avukat qabel u waqt l-istqarrija. Dan ħa parir mingħand avukat u rrilaxxa stqarrija li ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni.

4. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 xehdet **Dr. Lara Agius**, rappreżentanti ta' Mapfre Middlesea Insurance p.l.c. li esebiet[2] żewġ ċertifikati tal-assikurazzjoni maħruġa fuq il-mutur in kwistjoni u li jkopru l-perjodi 1 ta' Ottubru 2017 sa' 30 ta' Settembru 2018 u 29 ta' April 2019 sa' 30 ta' Settembru 2019.

5. Fl-istess seduta xehed **Stephen Cachia**, rappreżentant tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta, li esebixxa *Vehicle Details Report*[3] li turi *inter alia* li fir-rigward tal-perjodu 1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019, l-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni kienet ġiet ipprintjata ossia maħruġa fid-29 ta' April 2019.

6. L-imputat ma' ressaqx xhieda u ma' esebiex provi. Madanakollu fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija li għaliha ssir riferenza fl-affidavit ta' PC 1416 D. Galea, huwa stqarr is-segwenti:

*"Huwa vera li ma kellix liċenzja u insurance u r-raġuni kienet li l-familja tagħna tagħmel l-insurance ta' kull vettura ma broker wiehed, Middlesea, u l-broker nesa jagħmilli l-insurance tal-mutur Honda li għandu number plate IBP 343, irċivejna il-liċenzja t-tonda u jien ħsibta li kienet tal-imsemmi mutur. Din il-licenzja kienet tal-mutur l-ieħor."*

**L-ewwel imputazzjoni – sewqan ta' vettura mingħajr polza ta' assigurazzjoni li tkopri lit-terz**

[2] Fol 22-23
[3] Fol 24-25

7. Fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ressqet prova, tramite rappreżentant tal-kumpanija tal-assigurazzjoni Mapfre Middlesea Insurance p.l.c., li l-vettura ma' kienetx koperta minn polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji ta' terzi persuni fid-data in kwistjoni. Issa kif inhuwa provdut fl-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta:
*'3. (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).'*

8. Il-Prosekuzzjoni ma' kellha għalfejn tressaq l-ebda prova darba hija xliet lill-imputat b'din l-imputazzjoni. Ċio nonostante hija għamlet dan u kkonfermat b'suċċess illi l-mutur ma' kienx kopert ta' polza tal-assigurazzjoni fid-data tal-allegat inċident.

9. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat filwaqt li ammetta dan kollu saħaq illi dan sar bi żvista minħabba li l-*"broker nesa"*. Għalkemm huwa ferm dibattibbli kemm skuża ta' din ix-xorta tista' titqies bħala eċċezzjoni valida taħt l-Art. 3(1B) tal-Kap. 104, jibqa' l-fatt illi l-imputat ma' ressaq l-ebda prova sabiex isostni din l-allegazzjoni.

10. Fit-trattazzjoni finali, l-abbli avukat difensur tal-imputat argumenta illi l-Prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda prova li l-imputat kien effettivament qed isuq il-mutur fid-data in kwistjoni. Huwa veru illi fl-affidavit tiegħu, PC 1416 D. Galea jgħid illi meta wasal fuq il-post, il-mutur kien qiegħed mal-ġenb tat-triq u li huwa tkellem mas-"*sewwieq ... Eugene Debono*" mingħajr ma' spjega kif ikkonkluda li Eugene Debono kien effettivament is-sewwieq. Però l-Qorti tara li mill-bqija tal-affidavit u anke mill-istqarrija tiegħu ftit li xejn jista' jkun hemm dubbju li kien l-imputat li kien qiegħed isuq il-mutur. Tant hu hekk illi dan stqarr illi "*kont ħiereġ lejn ir-roundabout u f'daqqa waħda qasam persuna ...*" Għalhekk dan anqas huwa każ ta' provi indizjarji (*circumstantial evidence*) iżda pjuttost ta' provi diretti ċari li jikkonfermaw is-sewqan tal-imputat.

11. Inoltre fit-trattazzjoni finali d-Difiża talbet ukoll il-liberatorja stante illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tindika l-post eżatti fejn seħħew l-allegat reati, oltre mill-post "Żurrieq".

12. Il-Qorti tara ukoll illi l-Prosekuzzjoni anqas ma' indikat il-ħin speċifiku fiċ-ċitazzjoni.

13. F'dan ir-rigward l-Art. 360(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

*'360 (2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw...'*

14. Dwar in-natura taċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-Pulizija Eżekuttiva u kemm hija determinanti l-mankanza tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) il-Qrati tagħna ġeneralment, u partikolarment sal-aħħar tas-seklu għoxrin, kienu konsistenti fil-posizzjoni tagħhom illi ċ-ċitazzjoni hija biss *avviso di comparire* u bħala tali l-proċeduri proprji huma bbażati fuq il-kwerela jew denunzja kif din tiġi sorretta mill-provi quddiem il-Qorti[4]. Tali posizzjoni tippermetti illi l-Qorti tistrieħ fuq il-provi li jirriżultaw wara li tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni, b'dan però illi jekk jidhrilha li hekk ikun meħtieġ jew jekk issirilha talba għal dak il-għan mill-imputat, il-Qorti tkun tenuta takkorda ftit żmien lill-imputat sabiex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu fuq dak li jkun irriżulta mill-provi. Addirittura kien hemm ukoll sentenzi li fihom il-Qorti ppermettiet illi t-talba għall-korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni ssir anke wara li l-provi tagħha jkunu ġew magħluqa.[5]

Mhux l-istess jista' jingħad għal dak li seħħ matul l-aħħar għoxrin sena fejn insibu li f'numru ta' sentenzi, kemm din il-Qorti u kif ukoll il-Qorti tal-Appell kienu inqas akkoljenti u f'ċertu sens iżjed riġidi fuq dak li kienu lesti jaċċettaw bħala diskrepanzi jew diverġenza bejn iċ-ċitazzjoni u l-provi mressqa.[6] Dawn is-sentenzi jisħqu illi huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li f'każ ta' xi żball fl-avviż, titlob il-korrezzjoni appożita fil-mument opportun. Sentenza impekkabbli li daħlet fid-dettal fuq l-iżvilupp ta' din il-materja fil-ġurisprudenza hija dik deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) mill-Imħallef Aaron M. Bugeja fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emmanuele Azzopardi** (App. Nru. 297/2017, 15/10/2019).

---

[4] Ara *inter alia* s-sentenzi fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer** (Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, 06/12/1948), **Il-Pulizija v. Spiru Spiteri** (Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, 18/03/1955), **Il-Pulizija v. Noel Zarb Adami** (Qorti tal-Appell Kriminali, 19/06/1989), **Il-Pulizija v. Godwin Agius** (Qorti tal-Appell Kriminali, 09/01/2003)

[5] Ara **Il-Pulizija v. Frank Borg** (Qorti Kriminali bħala Qorti ta' Reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, 06/03/1954), **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (Qorti tal-Appell Kriminali, 05/08/2003), **Il-Pulizija v. Joseph Zammit** (Qorti tal-Appell Kriminali, 13/01/2016), **Il-Pulizija v. Alfred Grixti** (Qorti tal-Appell Kriminali, 26/03/2018)

[6] Ara fost oħrajn is-sentenzi fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. John Mary Briffa** (Qorti tal-Appell Kriminali – 18/10/2005), **Il-Pulizija v. Warren Piscopo** (Qorti tal-Appell Kriminali – 19/10/2011), **Il-Pulizija v. Rita Theuma** (Qorti tal-Appell Kriminali – 19/10/2011), **Il-Pulizija v. Michael Camilleri et** (Qorti tal-Appell Kriminali – 26/04/2018.

15. Il-Prim Imħallef Emeritu Vincent DeGaetano kien stqarr is-segwenti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (Qorti tal-Appell Kriminali, 05/08/2003):

*"L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid- dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l- ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal- prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il- prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn."*

16. L-Imħallef Harding (kif ikkwotat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi tal-Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja fosthom dik diġa ċitata **Il-Pulizija v. Emmanuele Azzopardi** kif ukoll **Il-Pulizija v. Leeandra Mifsud** (App. Nru. 104/2018, 16/01/2020)) stqarr is-segwenti:

*"Dak li kellu dritt għalih l-imputat fl-avviż huwa reasonable information as to the nature of the charge. Reasonable trid tiġi mifhuma fil-kuntest taċ-ċitazzjoni, ergo fil-kuntest ta' proċediment sommarju. Jekk tirriżulta varjanza tali li l-Ġudikant jidhirlu li minħabba fiha l-ġudikabbli jkun ġie decieved or misled allura f'dak il-każ, il-ġudikabbli jkollu dritt li jitlob, u jingħata mill-Qorti, differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu minħabba l-varjanza li tkun irriżultat. U huwa għalhekk li ma tistax tiġi invokata n-nullita taċ-ċitazzjoni sempliċiment minħabba li jkun hemm differenza, variance bl-Ingliż, bejn l-avviż u l-provi li jitresqu fil-kawża."*

17. Din il-Qorti tinnota illi ma' teżistix posizzjoni waħda uniformi u konsistenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali kif presjeduta mill-Onorevoli Imħallfin preżentement sedenti.[7] Din il-Qorti pero tinklina sew lejn il-posizzjoni tradizzjonali illi ċ-ċitazzjoni m'hija xejn għajr *avviso di comparire* u kwalunkwe żbalji fil-komparixxi li jistgħu jissewwew mingħajr ma' tiġi ppreġudikata serjament d-difiża tal-imputat, għandhom jitħallew isiru.

18. Hu x'inhu, jidher però illi l-posizzjoni iżjed riġida li ġiet xi minn daqqiet addottata fi żminijiet riċenti kienet tirrigwarda żbalji konsistenti f'diverġenzi bejn iċ-ċitazzjoni kif preżentata u l-provi li jkunu ġew mressqa iżjed milli żbalji t'omissjoni ta' fatti miċ-ċitazzjoni.

19. Fil-każ *de quo* l-ilment tad-Difiża m'huwiex illi l-Prosekuzzjoni indikat post żbaljat iżda illi din naqset milli tindika l-post eżatti fejn seħħew l-allegat reati, oltre mill-post "Żurrieq". Apparti dan hemm nieqes ukoll il-ħin speċifiku ta' meta seħħew l-allegat reati. Il-Qorti ma' tistax tara kif f'din il-kawża l-imputat seta' jiġi ppreġudikat b'dawn hekk imsejjħa nuqqasijiet. Biss biss, kemm l-affidavit ta' PC 1416 D. Galea u kemm ir-rapport tal-okkorrenza t-tnejn jindikaw b'mod ċar illi l-allegat reati seħħew fi Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq, fis-6.30pm . Jfisser dan illi l-imputat kellu kull opportunita' illi li kieku ġie f'dubbju, jitlob differiment sabiex jirregola ruħu fuq id-difiża tiegħu. Dan huwa m'għamlux u kien biss fl-istadju ta' trattazzjoni illi l-abbli avukat difensur tiegħu qajjem din il-kwistjoni.

20. Huwa ċar għall-Qorti illi l-imputat ma' kellux fejn jitfixkel dwar fejn suppost ġraw il-fatti li qed jiġi imputat bihom. Fi kwalunkwe każ jrid jingħad ukoll illi strettament l-Art. 360(2) tal-Kap. 9 ma' jesiġix illi ċ-ċitazzjoni ikollha indikat il-ħin u t-triq in kwistjoni iżda titlob biss illi jkun hemm indikazzjoni taż-"żmien" u "il-lok". Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-vot tal-liġi dwar ir-rekwiżiti taċ-ċitazzjoni ġie pjenament sodisfatt u li m'hemmx dubju li l-imputat kien jaf għal xiex qiegħed iwieġeb meta tressaq quddiem il-Qorti.

---

[7] Ara pereżempju s-sentenzi tal-Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja (fosthom dik diġa ċitata kif ukoll **Il-Pulizija v. Leeandra Mifsud** (App. Nru. 104/2018, 16/01/2020) u s-sentenzi tal-Onor. Imħallef Consuelo Scerri (**Il-Pulizija v. Carmel Xerri** - Appell Nru 227/2018, 16/05/2019) u l-Onor. Imħallef Edwina Grima (**Il-Pulizija v. Fr. Michael Camilleri et.** - Appell Nru: 440 / 2017, 26/04/2018).

21. Għalhekk din l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

**It-tieni imputazzjoni – nuqqas tas-sid ta' vettura bil-mutur li jara li jkollha dejjem u f'kull żmien, liċenzja taċ-ċirkulazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport**

22. Din it-tieni imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata. Mix-xhieda ta' Stephen Cachia, rappreżentant tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta, irriżulta li l-imputat huwa sid il-mutur in kwistjoni u li fir-rigward tal-perjodu 1 ta' Ottubru 2018 sat-30 ta' Settembru 2019, l-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni tal-mutur kienet ġiet ipprintjata ossia maħruġa fid-29 ta' April 2019. Għalhekk fil-ġurnata tat-8 ta' Frar 2019, l-mutur ma' kellux liċenzja taċ-ċirkulazzjoni in vigore.

**It-tielet imputazzjoni – sewqan ta' mutur li ma' kellux liċenzja**

23. Kif diġa ingħad iktar 'l fuq, il-Qorti hija sodisfatta illi l-imputat kien effettivament saq il-mutur in kwistjoni fid-data, ħin, lok u ċirkustanzi mfissra mill-Prosekuzzjoni. Stabbilit dan il-fatt u ġaladarba t-tieni imputazzjoni tirriżulta ppruvata, dan ifisser illi l-imputat kien ukoll **<u>qed isuq</u>** vettura li ma' kelliex liċenzja u għalhekk anke din it-tielet imputazzjoni hija ppruvata.

**Deċiżjoni**

24. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **Issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni (Kap 104 Artiklu 3 (1)), tat-tieni imputazzjoni (L.S. 368.02, Art. 14(3)) u tat-tielet imputazzjoni (sewqan ta' vettura li ma' jkollix liċenzja - Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)), ossia tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu,**

2. **Tikkundannah iħallas il-multa komplessiva ta' elfejn u erba' mitt euro (€ 2,400) liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta titħallas ratealment fuq medda ta' tletin (30) xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' € 80 kull xahar b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi wieħed mill-pagamenti, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' xi att ġudizzjarju ieħor.**

3. **B'żieda mal-piena, tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb il-liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem ai termini tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104.**

4. **Timponi penali ta' disa' (9) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat ai termini tal-Artikolu 36B(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur